



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Lulju 2023
(OR. en)

12166/23

LIMITE

POLCOM 173
SPG 6
CODEC 1442

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0252(COD)**

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti II)
Nru dok. Cion:	11492/23
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 - Mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew

1. It-trilogu tas-27 ta' Ġunju 2023 naqas li jilħaq ftehim dwar ir-rieżami tar-Regolament dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji (ir-Regolament SĠP) (ST 12184/21 INIT and ADD 1-4). Il-Kummissjoni ħabbret li anke jekk jintlaħaq ftehim f'Settembru, mhux ser ikun hemm żmien biex ir-Regolament il-ġdid jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza tar-Regolament eżistenti fi tmiem l-2023. Jekk dan iseħħ, ikun ifisser li t-tariffi preferenzjali eżistenti għall-pajjiżi SĠP u SĠP+ jintemmu.
2. Għalhekk, fl-4 ta' Lulju 2023 il-Kummissjoni pproponiet li testendi d-durata tar-Regolament SĠP eżistenti b'erba' snin sal-31 ta' Diċembru 2027 (ST 11492/23).

3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) huwa responsabbli għar-Regolament propost. Heidi Hautala (Ħodor, FI) ġiet innominata bħala rapporteur u pproponiet li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi aċċettata mingħajr emendi. Barra minn hekk, l-ebda parti oħra ma pproponiet emendi qabel 1-20 ta' Lulju, l-iskadenza ffissata mill-Kumitat. Il-Kumitat INTA biħsiebu japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi fit-18 jew id-19 ta' Settembru. Il-Parlament imbagħad għandu jivvota dwar il-proposta fis-sessjoni plenarja tiegħu mit-2 sal-5 ta' Ottubru.
4. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Skema Ġeneralizzata ta' Preferenzi) (TPC (SĠP)) fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Lulju u l-Kumitat imbagħad kellu diskussjoni inizjali dwar il-proposta. F'vidjokonferenza li saret fl-20 ta' Lulju, il-membri tat-TPC (SĠP) reġgħu ddiskutew il-proposta b'mod informali. Konsultazzjoni bil-miktub tat-TPC (SĠP) dwar il-proposta segwiet mill-20 sal-24 ta' Lulju.
5. Ma tqajjem l-ebda tħassib sostantiv, iżda xi Stati Membri indikaw li kellhom riżervi Parlamentari u, minħabba l-perjodu tas-sajf, ma kienx ċar meta dawn ir-riżervi setgħu jitneħħew. Xi Stati Membri oħra indikaw li, filwaqt li ma kellhom l-ebda tħassib sostantiv, ma setgħux jagħtu l-approvazzjoni formali tagħhom f'dan l-istadju minħabba raġunijiet proċedurali interni.
6. Il-Preidenza kkonkludiet li kien intlaħaq ftehim fil-livell tekniku biex il-proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata mingħajr emendi u biex titkompla l-adozzjoni rapida tal-estensjoni tar-Regolament SĠP.
7. Abbażi tad-diskussjonijiet fit-TPC (SPĠ), il-Preidenza temmen li l-proposta tal-Kummissjoni għandha l-appoġġ tad-delegazzjonijiet, għalkemm għad fadal xi riżervi Parlamentari, u jridu jitlestew xi proċeduri interni.

8. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- Japprova t-test tal-proposta tal-Kummissjoni mingħajr ebda modifika (soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew; u
- Jawtorizza lill-Presidenza tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat INTA tal-Parlament Ewropew li tikkonferma li, jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-forma li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni (soġġett għar-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet), il-Kunsill ser japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 294(4) TFUE, u l-att ser jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.